# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 26 TA' NOVEMBRU 2020**

**Kawza Numru: 2K**

**Rik. Kost. 244/2019 RGM**

**Ismail Issa (I.D. 334798M)**

**vs.**

**Avukat Generali**

## Il-Qorti

Rat ir-**rikors ta' Ismail Issa** pprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2019 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi r-Rikorrenti huwa cittadin Malti;

Illi fit-2 ta'April 1997, kien zzewweg lil Adelina Aquilina, meta kien cittadin Egizzjan;

Illi fis-sena 1999, Adelina Aquilina bdiet proceduri ta' annulament taz-zwieg fil-konfront tar-Rikorrenti. Fl-ebda hin f'dawn il-proceduri Adelina Aquilina allegat li z-zwieg sehh bhala simulazzjoni sabiex ir-Rikorrenti jghix f'Malta;

Illi minkejja dan, fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet Adelina Aquilina -v- Ismail Issa (Citazzjoni numru 321/1999/1), il-Qorti qalet is-segwenti:

"*Illi ghar-rigward l-attrici jirrizulta mill-affidavit taghha li ghalkemm hija kellha preokkupazzjoni mill-fatt li hija kellha relazzjoni mal-konvenut peress li kien ta' cittadinanza Egizzjana hija cediet ghall-pressjoni tieghu u anke ghall-promessi fierha tieghu biss u ghall-iskop li huwa jigi akkommodat b'dan il-mod.* **Din hi haga li sfortunatament ma persuni ta' nazzjonalita` Gharbija irrepetiet ruhha f'diversi cirkostanzi u l-Qorti tirreferi ghal numru sostanzjali ta' sentenzi li nghataw minnha proprju fuq dan il-punt fejn jidher li ormai din hija storja li tirrepeti ruhha b'diversi cirkostanzi. Illi f'dan il-kaz jidher li l-insistenza tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kienet persistenti tant li huwa sinifikanti u elokwenti l-kumment tal-konvenuta li meta ghazlet li taccetta l-proposta tal-konvenut ghaz-zwieg hija qalet "fl-ahhar cedejt"**. " (enfazi mir-Rikorrenti);

Illi bhala rizultat il-Qorti attribwiet l-annullament taz-zwieg lir-Rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 19(1)(c) ta' l-Att dwar iz-Zwieg (Kap 255) billi l-konsens ta' Adelina Aquilina kienet inkisbet bi qerq, minhabba simulazzjoni. Il-Qorti kkonkludiet dan fuq is-semplici fatt li huwa ta'nisel Gharbija, li zzewweg lil cittadina Maltija sabiex jibqa jghix Malta. Jidher car mis-sentenza li l-Qorti kellha pregudizzju fil-konfront tar-Rikorrenti ghaliex kien Egizzjan u skond il-Qorti strahet fuq kazijiet ta' Gharab li zzewgu biex jghixu hawn Malta;

Illi b'dawn il-konkluzzjonijiet mhux ipprovati u gejjin minhabba li l-Qorti kellha diversi Gharab li simulaw iz-zwieg, u b'hekk holqot diskriminazzjoni fuq bazi ta' razza a tenut ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319);

Illi minhabba dan il-fatt, ir-Rikorrenti ircieva fit-28 ta' Frar 2019, ittra minn Identity Malta, li bdew proceduri skond l-Artikolu 14 ta' l-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija sabiex titnehha c-cittadinanza Maltija tar-Rikorrenti. Identity Malta ddikjarat quddiem il-Kumitat ta' l-Inkjesta, li l-bazi ghat-talba tat-tnehhija hija unikament minhabba s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29ta' Mejju 2003;

Illi minhabba din id-diskriminazzjoni bbazata fuq razza li sehh fis-sentenza hawn fuq indikata, ir-Rikorrenti ghandu l-biza li wara 13-il sena mis-sentenza imsemmija se jitlef l-uniku cittadinanza li ghandu u b'hekk qed jerga jigi diskriminat a bazi tar-razza tieghu;

Ghaldaqstant, ir-Rikorrenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-Intimat permezz tas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' Mejju 2003 kiser id-dritt tieghu ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza a tenut ta'l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll taghti dawk ir-rimedji kollha hekk necessarji u opportuni

Rat ir-**risposta tal-Avukat Generali illum l-Avukat tal-Istat**ipprezentata fit-23 ta' Jannar, 2020 fejn jinghad kif gej:-

Illi permezz tal-proċeduri odjerni r-rikorrent qed jallega illis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Adelina Aquilina vs Ismail Issa** deċiża fid-29 ta' Mejju 2003, tilledi d-dritt tiegħu għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni minħabba razza a tenur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress illi skond hu jidher ċar mis-sentenza li l-Qorti kellha preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent għaliex kien ta' nazzjonalita' Eġizzjana.

1. Illi in linea preliminari in vista tal-fatt illi s-sentenza illi minnha qed jilmenta r-rikorrent hija sentenza li ngħatat f'kawża li ġiet istitwita minn Adelina Aquilina (K.I. Numru 236672(M), l-esponent iħoss illi l-imsemmija

Adelina Aquilina kellha tkun notifikata bil-proċeduri odjerni sabiex jekk tħoss illigħandha tintervjeni tkun f'pożizzjoni li tagħmel dan;

2. Illi l-esponent umilment jitlob illi jiġu allegati l-atti kollha tal-proċeduri ċivili fil-kawża fl-ismijiet**Adelina Aquilina vs Ismail Issa** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju 2003;

3. Illi din il-Qorti għandha teżerċita' d-diskrezzjoni tagħha sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u dan ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjonali ta' Malta u tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.F'dan ir-rigward l-esponenti jissollevaw illi r-rikorrenti kellu l-fakolta' kollha li jappella mis-sentenza illi minnha qiegħed jilmenta f'dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Appell Superjuri. Ma ngħatat ebda raġuni mir-rikorrent il-għaliex ħalla iktar minn sittax –il sena jgħaddu qabel ma ressaq din il-vertenza u il-għala ma ntalabx ir-rimedju ordinarju msemmi. Jingħad hawnhekk illi l-proċeduri ta' natura kostituzzjonali mhumiex intiżi biex jissosstitwixxu proċeduri ordinarji li setgħu jiġu proposti;

4. Illi fir-rigward tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni l-esponent jeċepixxi illi dan l-artikolu ma'għandux eżistenza indipendenti u jista' jiġi nvokat biss vis-a-vis id-drittijiet fundamentali sustantivi 'l oħra li jinsabu fil-Konvenzjoni Ewropea. Għaldaqstant ġaladarba mhux qed jiġi nvokat ebda ksur ta' xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni ċertament illi ma jistax jinstab ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

5. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi r-rikorrent ma ngħata ebda trattament diskriminatorju u ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni;

7. Illi dak li r-rikorrenti qiegħed jallega illi huwa diskriminazzjoni kienet biss osservazzjoni u bl-ebda mod ma tista' titqies illi tammonta għall-aġir jew trattament diskriminatorju;

8. Illi finalment *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li ġew leżi xi drittijiet tar-rikorrenti' ħaġa li l-esponent qed jikkontesta, fiċ-ċirkostanzi odjerni dikjarazzjoni ta' ksur għandha tkun suffiċjenti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat illi waqt l-ewwel seduta l-Qorti dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw it-tielet eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat;

Rat l-affidavit tar-rikorrent u l-kontro-ezami tal-istess;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istatipprezentata fil-15 ta' Settembru 2020[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ipprezentata fis-7 t'Ottubru 2020[2] limitatament dwar it-tielet eccezzjoni tal-intimat;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar it-tielet eccezzjoni preliminari tal-intimat.

Ikkunsidrat;

[1] Pagna 17 tal-process.
[2] Pagna 21 tal-process.

Permezz tat-tielet eccezzjoni preliminari tieghu l-Avukat tal-Istat qieghed jinvoka il-*proviso* tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* tal-Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319, Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdu kif ġej.

**Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni**:-

> "(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għallprotezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:
>
> Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."

**Artikolu 4 (2) tal-Kapitolu 319** huwa identiku ghall-artikolu tal-Kostituzzjoni appena citat.

Sabiex il-Qorti tiddetermina jekk ghandhiex taghzel li twettaq is-setghat moghtijin lilha, hija ghandha tikkunsidra jekk ir-rimedju alternattiv huwiex wiehed xieraq, effettiv, adegwat u accessibli. Fil-kawza **Victor Spiteri vs. Avukat Generali** (Rik Nru 1/2008 JRM) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fil-25 ta' Settembru 2008 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 t'Ottubru 2009 gie spjegat li

> "Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess

garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża;"

Il-principju li l-Qrati ghandhom jizguraw huma u jikkunsidraw jekk rikorrent ghandux (jew kellux) ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju huma ormai assodati fil-gurisprudenza lokali. Is-sentenza **Olena Tretjak vs. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriates Affairs** (Rik Kost 22/2005) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006 tigbor b'mod komprensiv l-insenjament tal-qrati kostituzzjonali fir-rigward:

"Illi l-ezistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u obbjettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-ezistenza ta' rimedju iehor hija decizjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li (kien) jezisti rimedju iehor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk ghandhiex twarrab milli tezercita s-setgha taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha [Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawza fl-ismijiet ***Zahra v. Awtorita` tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179).]. F'kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment, u f'kaz li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma cediex l-ezercizzju tas-setgha taghha;

"Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti ghandha f'dan ir-rigward triq titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-legislatur ried li jilhaq biha: jigifieri, li filwaqt li ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, min-naha l-ohra ma jigrix li, minhabba thaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinzamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bhal din meta jkun jidher li l-kaz huwa wiehed serju li jimplika t-

telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali ghal dik il-persuna. Kif inghad dan l-ahhar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex, min-naha l-wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wicchom kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jitfitxxu rimedji ohrajn imcahhda, mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta [Kost. **27.2.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***John Sammut v. Awtorita ta' l-Ippjanar et***][3];

"Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat [Ara Kost **5.4.1991** fil-kawza fl-ismijiet ***Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: LXXV.i.106).]. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se jaghti lir-rikorrent success garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi [P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawza fl-ismijiet ***Clifton Borg v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata).];

"Illi f'ghadd ta' sentenzi moghtijin f'dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabbiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jew huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux

[3] Ara wkoll **Mediterranean Film Studios Limited vs. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et** (Rik Kost 36/2002) deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Ottubru 2003; **Michael Borg vs. Onorevoli Prim'Ministru et** (Rik Kost 22/2016 LSO) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Novembru 2016; **L-Avukat Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et** (Rik Kost 36/2011) deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Jannar 2016.

effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu; (d) in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgiba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent [P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Victor Bonavia v. L-Awtorita` tal-Ippjanar et.***]; (f) l-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni [Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawza fl-ismijiet ***Vella v. Bannister et*** (kollez. Vol: LXXVIII.I.48) u Kost. **12.12.2002** fil-kawza fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et***]; u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali [P.A. Kost. **29.10.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Gaffarena v. Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubbikata)];

"Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma' kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat

[Kost. **14.5.2004** fil-kawza fl-ismijiet ***David Axiaq v. Awtorita` Dwar it-Trasport Pubbliku***]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali [Kost. **31.10.2003** fil-kawza fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et***]."

Stabbilit l-qafas legali, u kif ukoll l-insenjament tal-Qrati nostrana rigward il-materja in kwistjoni, il-Qorti sejra tghaddi sabiex tapplika l-principji surreferiti ghal kaz li ghandha quddiemha sabiex tistabbilixxi jekk ir-rikorrent kellux ghad-disposizzjoni tieghu rimedju alternattiv, accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-lezjoni lamentat minnu minflok ma jirrikorri quddiem Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali.

L-intimat jiggustifika l-eccezzjoni tieghu billi jissottometti li r-rikorrent kellu ghad-disposizzjoni tieghu r-rimedju li jappella mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Familja fid-29 ta' Mejju 2003. Jghid ukoll li "l-ilment tar-rikorrenti huwa illi z-zwieg tieghu ma kienx simulazzjoni u li l-Qorti ddecidiet illi huwa simulazzjoni ghaliex kienet pregudikata kontra tieghu. F'dan ir-rigward l-esponent jissottometti illi il-fatt ta' jekk iz-zwieg kienx simulazzjoni jew le jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti Civili u jekk ir-rikorrenti ma qabilx mal-pronunzjament tal-Qorti hu kellu jintavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex jikkontesta d-decizjoni tal-Qorti."[4]

L-**Artikolu 219 tal-Kapitolu 12** jipprovdi li "Kull dikjarazzjoni li l-qorti trid li tkun deċiżiva jew obbligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożitiv." F'artikoli ohra tal-ligi ssir referenza ghal appell minn kap, fosthom l-Artikolu 240 li jibda billi jghid li "Kull parti tista' tinqeda b'appell li jsir minn sentenza, magħduda sentenza parzjali u minn kap wieħed jew iżjed ta' kull sentenza, jew minn digriet interlokutorju [...]"

[4] Pagna 18 tal-process.

Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Andrew Pace et vs. Unscheduled Bus Service** (App Nru 25/1998), deciza fil-15 ta' Dicembru 2003 irriteniet li

> "[...] bl-espressjoni "kap wiehed jew izjed ta' kull sentenza" adoperata fl-Art 240 tal-Kap 12, jew f'disposizzjonijiet ohra sparsi fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili fejn tissemma l-kelma "kap", l-ligi qed tirreferi espressament ghall-kapi fil-parti operattiva tas-sentenza. Kapi li minnhom l-attur appellat jista' jappella incidentalment jekk isib ruhu sokkombenti, jew ghal kwalsiasi raguni, avversament kolpit."

Fl-istess sentenza inghad ukoll li

> "Anzi biex jinghad kollox din il-Qorti ssib pjuttost stramb il-fatt li parti vincenti f'gudizzju tappella, anke incidentalment, mill-parti razzjonali, ossija **minn motivazzjoni singolari**, tas-sentenza. Motivazzjoni **li mbaghad fuq kollox ma sabetx postha fid-dispositti v tal-istess sentenza** bhala xi wiehed mill-kapi taghha, u ghalhekk ma tistax **lanqas titqies bhala xi dikjarazzjoni deciziva jew obbligatorju**, kif irid l-Artikolu 219 tal-Kap 12."[5]

Ma' dan il-hsieb din il-Qorti izzid ukoll illi l-**Artikolu 226 (2)** tal-istess Kapitolu 12 fejn jghid illi "Meta appell ma jsirx mis-sentenza kollha, għandhom jissemmew, fir-rikors tal-appell, il-kapi tas-sentenza li minnhom isir appell."

Fis-senteza tal-Qorti tal-Appell (sede Suprerjuri) fl-ismijiet **Blanche Coppola vs. Christopher Bonello** (App Civ 61/2012/2) moghtija fit-30 ta' Mejju 2014 gie kkunsidrat illi:

---

[5] Enfasi tal-Qorti.

> "[...] appell, kemm principali u kemm incidentali, jista' jsir biss mill-parti dispozittiva tas-sentenza u allura l-parti decisiva u obligatorja kif gia` issemma'. Fil-kaz in ezami l-appellanti qed tappella unikament minn wahda mir-ragunijiet ghaliex it-talba taghha giet akkolta u allura minn motivazzjoni tas-sentenza li skont hi, m'hijiex korretta. Ladarba pero` din m'hijiex parti essenzjali mis-sentenza u allura ma torbotx il-partijiet kif torbothom il-parti dispozittiva, il-Qorti ghal ragunijiet purament procedurali [...] se tiddikjara dan l-appell inammissibbli."

Dawn il-konsiderazzjonijiet qeghdin isiru ghaliex fil-fehma ta' din il-Qorti r-rikorrent m'huwiex qieghed jikkontesta d-decizjoni ahharija tal-Qorti tal-Familja izda qieghed jikkontesta l-konsiderazzjoni li ghamlet il-Qorti li fil-fehma tieghu kienet konsiderazzjoni diskriminatorja u li waslet sabiex jinbdew proceduri sabiex titnehha c-cittadinanza Maltija tar-rikorrent.

Din il-Qorti tosserva li r-rikorrent kien skorrett meta ppremetta fir-rikors promotur li l-Qorti annullat iz-zwieg tar-rikorrent a tenur tal-Artikolu 19(1)(c) tal-Kapitolu 255, Att dwar iz-Zwieg. Ghalkemm huwa minnu li l-Qorti tal-Familja fis-sentenza fl-ismijiet **Adelina Aquilina vs. Ismail Issa** (Cit Nru 321/1999) moghtija fid-29 ta' Mejju 2003, ghamlet referenza ghal dan l-artikolu fil-konsiderazzjonijiet taghha meta qalet li "l-attrici tissottometti fl-ewwel premessa taghha illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255**" però fil-parti hekk imsejha l-parti decisiva ma taghmel l-ebda referenza ghall-Artikolu 19(1)(c). Pjuttost ghandu jinghad li l-Qorti tal-Familja ma hassitx li kellha takkolji t-talba li zwieg jigi annullat a bazi tal-Artikolu 19 (1)(c) meta osservat

> "Illi f'dak li jirrigwarda l-premessa l-ohra ta' l-attrici li z-zwieg huwa null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c)**, peress li sostniet li ma kienitx taf jew konxja tal-fatt li l-konvenut kien ta' religjoni Musulmana, din l-allegazzjoni attrici assolutament ma tirrizultax, peress li c-cirkostanzi juru u l-provi hekk jikkonfermaw li l-attrici kienet taf b'dan kollu mill-bidu nett tar-relazzjoni

> taghha mal-konvenut u ghalhekk it-talba ta' annullament fuq din il-bazi ma hijiex qed tigi akkolta."[6] (sottolinear ta' din il-Qorti)

Ghalhekk jirrizulta li l-Qorti tal-Familja ma ddecidietx li z-zwieg ghandu jigi annullat ghax il-kunsens ta' Adelina Aquilina kien inkiseb b'qerq minhabba simulazzjoni.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent bl-azzjoni odjerna qieghed jillamenta li bis-segwenti konsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti tal-Familja huwa gie ppregudukat mill-istess qorti ghaliex kien Egizzjan u strahet fuq kazijiet ta' Gharab li zzewgu biex jghixu hawn Malta:

> "[...] ghalkemm hija kellha preokkupazzjoni mill-fatt li hija kellha relazzjoni mal-konvenut peress li kien ta' cittadinanza Egizzjana hija cediet ghall-pressjoni tieghu u anke ghall-promessi fierha tieghu biss u ghall-iskop li huwa jigi akkommodat b'dan il-mod. Din hi haga li sfortunatament ma persuni ta' nazzjonalita` Gharbija irrepetiet ruhha f'diversi cirkostanzi u l-Qorti tirreferi ghal numru sostanzjali ta' sentenzi li nghataw minnha proprju fuq dan il-punt fejn jidher li ormai din hija storja li tirrepeti ruhha b'diversi cirkostanzi. Illi f'dan il-kaz jidher li l-insistenza tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kienet persistenti tant li huwa sinifikanti u elokwenti l-kumment tal-konvenuta li meta ghazlet li taccetta l-proposta tal-konvenut ghaz-zwieg hija qalet "fl-ahhar cedejt"."[7]

B'din il-konsiderazzjoni l-Qorti tal-Familja waslet sabiex tqis li r-rikorrent u Adelina Aquilina ma kellhomx l-intenzjoni minima mehtiega sabiex jifhmu ghal-liema hajja u piz dehlin ghaliha "u in verità din il-Qorti thoss li f'dak l-istadju l-partijiet ftit kien jimpurtahom hlief li juzaw iz-zwieg bhala mezz biex jilhqu l-ghan ulterjuri taghhom"[8].

---

[6] Pagna 55 tal-process allegat.
[7] Pagna 54 tal-process allegat.
[8] *ibid.*

Din il-Qorti tqis li fil-kaz odjern huwa l-allegat diskriminazzjoni mill-Qorti tal-Familja li r-rikorrent qieghed jikkontesta, u dan wara li ghamlet il-konsiderazzjoni referibbli ghan-nazzjonalita` Gharbija u mhux id-decizjoni per se li annullat iz-zwieg. L-intimat huwa korrett meta ssottometta li r-rikorrent ma kellu l-ebda problema li z-zwieg tieghu jigi annullat u kien ghalhekk li qabel mas-sentenza. Dan ikkonfermah ir-rikorrent stess fl-affidavit tieghu. Din il-Qorti certament m'ghandha l-ebda kompetenza u mhux ser tiddeciedi dwar il-mertu tal-annullament per se. Lanqas din il-Qorti ma hi ser tiddeciedi jekk iz-zwieg kienx simulat jew le – xi haga li l-Qorti tal-Familja ma tghidx li kien hemm – izda sejra tillimita l-ezercizzju taghha dwar jekk il-Qorti tal-Familja waslitx ghad-decizjoni taghha a bazi ta' diskriminazzjoni u jekk kinitx il-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Familja fuq citata li sejra twassal lil *Identity Malta* sabiex tnehhi c-cittadinanza Maltija lir-rikorrent.

Hija gurisprudenza stabbilita illi, anke jekk procediment kostituzzjonali huwa straordinarju, persuna li tilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali taghha m'ghandhiex tkun obbligata tfittex rimedju ordinarju, jekk ir-rimedju li jista' jinghata ma jkunx effettiv sabiex jindirizza l-ilment. Minn dak li jidher *prima facie* ir-rikorrent m'ghandu l-ebda rimedju ordinarju li huwa effettiv, xieraq u adegwat fir-rigward tal-ilment kostituzzjonali tieghu imressaq f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tqis illi t-tema centrali tal-istanza tar-rikorrent hija allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Huwa ghalhekk li din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u ser tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija tisma' l-kawza stante li fil-fehma ta' din il-Qorti l-allegat vjolazzjoni surreferit ma kienx ser ikun indirizzat bir-rimedju ordinarju ghar-ragunijiet spjegati aktar 'l fuq.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi it-tielet eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali billi tichadha u tordna l-prosgwiment tal-kawza.

Spejjez rizervati ghal gudizzju finali.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
26 ta' Novembru, 2020

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**